KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7/2021

21 ta' Lulju 2021

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Maria Sultana - Kunsilliera

### ASSENTI:

Ma kienx hemm

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**7.1** **Qari ta' ittri ta' apoloġija**

**7.1.1** Ma kienx hemm

**7.2** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**7.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 6 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

**7.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjura Speranza Chircop, il-minuti ġew approvati unanimament

**7.3** **Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**7.3.A** Is-Sindku enfasizza l-importanza li tinżamm il-format għal kull seduta formali li jagħmel il-kunsill kull xahar. Dan il-punt mhux l-ewwel darba li ġie spjegat lill-kunsill pero' ċertu lmenti xorta għadhom jiġu indirizzati waqt il-laqgħat formali tal kunsill li fil-fehma tiegħu ma jkunux posthom waqt is-seduta għaliex jistgħu jiġu indirizzati dirett mill-istaff amministrattiv tal-kunsill fuq bazi ta' kuljum. Huwa qal illi fil-ħin allokat għal kunsilliera fuq l-agenda kull kunsillier għandu jitkellem u jagħti rendikont xi jkun għamel matul ix-xahar fuq id-dekasteri rispettivi u mhux jitkellem fuq affarijiet oħra meta fil-verita' fuq l-agenda stess hemm lok ta' diskussjoni għal affarijiet oħra. Is-Sur Vince Bongailas qal illi hu hekk jagħmel u li l-laqgħa għandha jkollha kontenut bis-sens u mhux iddum bla bżonn. Is-Sindku żied jgħid illi f'ċerti laqgħat ikun mħasseb kif kunsilliera jgħidu li m'għandhom xejn xi jgħidu f'dak li jirrigwarda d-dekasteri mogħtija lilhom għaliex ifisser li ma jkun sar xejn matul ix- xahar li jkun għadda. Dan kollu qed jiġi nnutat biex wieħed jieħu iktar interess f'dak li suppost huma s-suġġetti relatati ma' kull kunsillier. Qal ukoll kif f'sentejn li ilu jmexxi l-kunsill, għadu qatt ma kellu mistoqsijiet formali mill-kunsilliera fil-ħin allokkat għal-mistoqsijiet lis-Sindku. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tintbgħat għal darb'oħra kopja tad-dekasteri ta' kull kunsillier biex wieħed ikun jista' jiftakar f'dak li għandu taħt idu għal referenza.

B Is-Sur Sindku nforma l-kunsill dwar 'MOU' illi ffirma f'dawn l-aħħar jiem f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara mal-għaqda 'beekeepers' f'Malta. Huwa saħaq illi b'affarijiet żgħar bħal dawn li ma jiswew xejn il-kunsill wieħed ikun qiegħed jagħti daqqa t'id lil dawn in-nies li għandhom għal qalbhom in-natura u dik li tinvolvi fiha. Il-kunsill għal perjodu stipulat mhux ser ikun qed jaqta' ħaxix selvaġġ li jitla'

f'postijiet rurali biex b'hekk b'eżempju ċar iż-żnażan ikunu jistgħu jagħmlu l-proċessi naturali tagħhom. Dan il-ħaxix ħażin huwa sors ta' ikel naturali għaż-żnazan b'hekk b'dan il-ftehim il-kunsill qed ikun qed jikkontribwixxi lejn in-natura.

C Is-Sindku nforma l-kunsill dwar it-tnedija uffiċjali tal-'community policing' fil-lokal tal-Kalkara. Is-Sindku spjega illi hija ħaġa sabiħa li jkollok uffiċjal idur fil komunita. Ic-CPO Diandra Bartolo Haidon hija l-uffiċjal assenjata fil-Kalkara fejn f'dawn l-aħħar jiem wieħed seta' jara ddur bil-pass fiż-żoni kollha tal-Kalkara, titkellem, teduka, tgħin lin-nies u issir familjari mar-residenti tagħna. Tajjeb li wieħed jifhem illi l-kunċett ta' 'community policing' m'huwiex wieħed ta' Puluzija li joħroġ iċ-ċitazzjonijiet imma huwa kunċett ta li bniedem isir jaf lill-uffiċjal u jista' jikkomunika miegħu dirett b'kunfidenzjalita' fuq dak li jkollhom bżonn. Ċitazzjonijiet jinħarġu xorta pero' dan il-proġett imur lil hinn minn kontravenzzjonijiet. F'dan l-ewwel xhar l-uffiċjal għamlet 110 siegħa ta' patrolling u inħarġu 20 kontravenzzjoni li jinkludu karozzi bla liċenzja, dgħajjes mitluqin f'parkeggi ta' karozzi u aktar. L-uffiċjali qed jagħmlu osservazzjonijiet kontinwi fil-lokal biex wieħed itejjeb il-ħajja ta' kuljum tar-residenti tagħna.

Is-Sinjura Speranza Chircop qalet illi tajjeb li din l-uffiċjal iddur iż-żona ta' Konvoj Santa Marija minħabba l-fatt li tneħħiet miż-żona skip li kienet ila hemm snin u li preferibbilment terġa' titpoġġa fejn kienet u jitweħħlu cameras magħha biex jitnaqqsu l-abbużi. Is-Sindku saħaq illi cameras ma' dik l-iskip m'humiex ideali minħabba l-fatt illi hemm żoni aktar prominenti fejn wieħed jista' jweħħel cameras apparti li sistema ta' cameras tiġi tiswa l-flus biex tkun effettiva. Huwa qal illi wieħed irid jagħti ċans biex it-tneħħija ta' skip miż-żona tindara bħal ma ġara diġa' f'postijiet oħra b'eżempju ċar f'żoni bħal Santu Rokku fejn qabel wieħed kien jara 'dumping' sfrenat u wara ftit xhur sal-preżent wieħed m'għadu jara xejn mormi illegalment fiż-żona. Ser isir eżerċizzju fuq iż-żona flimkien mal-'community police' biex wieħed jara s-sitwazzjoni wara li jgħaddu ftit jiem mingħajr skip. Hemm ukoll pjanat illi l-'community police' stess iqassmu ittra f'kull residenza fejn ser ikun hemm lwog illi jispjegaw in-nies għaliex tneħħiet l-iskip u jispjegaw l-iskeda ta' ġbir tal-iskart miż-żona biex wieħed iserraħ moħħu illi l-iskart ser ikun qed jinġabar minn wara kull residenza.

d Is-Sur Sindku wera s-sodisfazzjon tiegħu wara t-tnediha uffiċjali tal-librerija pubblika fil-Kalkara li saret f'Lulju 2021. Huwa qal kemm kien kburi li l-Kunsill għamel l-għalmu tiegħu kollu flimkien mal-ħaddiema li ħadmu fuq li ħadmu biex illum għandna librerija pubblika sabiħa u effettiva fil-lokal. Wieħed ukoll jista' jieħu vantaġġ f'attivitajiet li jistgħu jsiru fil-futur anka peress illi issa fiż-żona tal-librerija hemm reading area sabiħa mmens kif ukoll kappella fil-viċinanzi. Huwa qal li rċieva ħafna messaġġi ta' tifħir kif ukoll anka waqt it-tnedija stess ic-CEO tal-malta libraries qalet illi l-Kalkara għandha tkun eżempju ċar għal lokalitajiet oħra li għandhom pjan li jiftħu librerija fi ħdanhom. Is-Sindku saħaq kemm hu importanti illi l-kunsill jibda jorganizza attivitajiet kemm għal kbar kif ukoll għaż-żgħar fil-jiem

li ġejjin biex din il-librerija inżommuwha ħajja u ma nħalluwiex biss post fejn wieħed jiġi jissellef ktieb u daqshekk. Il-librerija kienet ħolma tal-kunsill li twettqet b'ħafna xogħol u sagrifiċċji minn kulħadd biex setgħet titwettaq u tinfetaħ. Is-Sindku żied jgħid illi sodisfatt ħafna u bi pjaċir immens ħabbar il-ftuħ uffiċjali waqt l-attivita li ġiet organizzata fejn kienu preżenti kbarat li jinkludu Ministri li għenu bi sħiħ il-kunsill biex il-librerija tinfetaħ għal pubbliku.

e 1 Is-Sindku nforma l-kunsill dwar estenżjoni ta' sena li ser tkun qed issir fir-rigward tal-kuntratt tal-knis peress illi s-Seg Eżek infurmat illi kien skada u ħarġitila minn moħħa biex jiġi mġedded bi żvista mbgħad wieħed jipprepara għal tender ġdid fix-xhur li ġejjin qabel ma terġa' tiskadi din l-estenzjoni hekk kif inhu suppost bil-liġi. Il-kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

E2 Is-Sindku żied jgħid illi l-'contracts manager' qiegħed jagħmel xogħolu tajjeb immens u qed jibgħat rapport iddettaljat bil-problemi kollha li qed niltaqgħu magħhom matul ix-xahar mal-kuntratturi kollha speċjalment fejn jidħol ġbir ta' skart nar ta' Tnejn, tgezziz ta boroz ma' residenzi privati u qbiż ta' ġbir minn xi żoni. Is- Sindku qal illi wara tentattiv li jkellem il-kuntrattur hu stess fuq dawn il-problemi ma setax jagħmel mod ieħor li tinħareġ 'default notice' li tinkludi multa lill- kuntrattur fuq nuqqassijiet tiegħu kontinwi f'dan l-aħħar xahar. Wieħed jifhem illi bniedem ikollu problemi bil-ħaddiema pero' jrid jifhem ukoll illi b'xi mod wieħed irid juri d-dispjaċir tiegħu lejn servizz mhux aċċettabli.

E3 Is-Sindku ppreżenta email formali mingħand is-Sinjorina Maria Dolores Camilleri li hija waħda mit-team ta' amminitrazzjoni tal-kunsill fejn qed turi x-xewqa li taħdem b' 'reduced hours' fix-xitwa bejn is-7:00am u s-2:00pm kemm fix-Xitwa u kemm fis-Sajf. Fl-email hija saħqet illi la darba l-iskrivan l-ieħor ikun bis-sick jew bil-leave hi tkopri l-kunsill sal-għeluq tiegħu senza interessi għaliex tifhem illi l-kunsill huwa żgħir u ma tridx toħloq inkonvenjent il-ħadd. Hija talbet 'reduced hours' ħabba raġunijiet personali.

Wara diskussjoni kostruttiva bis-sehem tas-Seg Eżek fejn ikkonfermat illi m'għandux ikun hemm problemi li tiġi kkonfermata din it-talba fil-fehma tagħha l-kunsill qabel unanimament illi jiggarantixxi din ir-rikjesta għal aħjar tas-Sinjorina Camilleri.

F Ma kienx hemm

g.L-aħħar draft tal-financial statements 2020 bit-tibdil li saru waqt l-audit u hekk kif igwidaw lill-kunsill l-awdituri qabel intbgħatu lill-awtoritajiet ikkonċernati hekk kif inhu suppost bil-liġi l-kunsill approva l-aħħar dokument iffinalizzat biex b'hekk jintbgħat lura lill-awdituri ħalli jitkompla l-proċess formali tal-awditjar li sar għas-sena 2020 aktar kmieni din is-sena. Fil-jiem li ġejjin il-kunsill ser ikun qed jipprepara r-risposta formali 'management reply ' għar-rapport imħejji mal-awdituri stess.

H Is-Sindku nforma l-kunsill illi l-kolonna li ġiet ivvandalizata fiż-żona ta' Santa Liberata ġiet irrestawrata mid-dipartiment tar-restawr li jaqa' taħt il-gvern ċentrali f'dawn l-aħħar jiem għal darb'oħra wara korrespondenza twila u pressjoni li saret kemm mill-kunsill kif ukoll mill-assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara.

**7.4 A 6.4a 15.3.c** Is-Sindku nforma l-kunsill illi fil-ġranet li ġejjin ser ikun qiegħed jiġi ffirmat l-MOU ppreparat u preżentat fis-seduta preċedenti fir-rigward Esplora Shoreline bejn il-kunsill u l-MCST

7.5 a 1 Is-Sur Bongailas ikkonferma illi l-attivita' tat-tberik tal-annimali ser issir u kkonfermata għat-3 ta' Ottubru 2021 fejn ser tibda b'quddiesa fid-9am fil-Knisja Parrokjali tal-Kalkara. Aktar dettalji u programm ser ikun qed jingħata lill-kunsill aktar il-quddiem meta jiġi ffinalizzat.

7.5 a 2 Is-Sur Bongailas ser ikun qed jagħti aktar dettalji fuq attivitajiet sportivi li ser ikun qiegħed jagħmel fil-ġranet li ġejjin fis-seduta li jmiss.

7.5b1 Is-Sinjura Sultana ġiet skużata milli titkellem fil-ħin allokat għaliha peress li ma kinitx preżenti waqt din is-seduta.

7.5c1 Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill illi l-ħarġa li organizzat hi f'isem il-kunsill ġewwa Għawdex kienet waħda ta' suċċess avolja ma kelliex aġenda partikolari bħas-soltu. Hija qalet illi ta' dak il-ħin marru x-Xewkija fejn setgħu jżuru mitħna antika fejn kull min kien preżenti ħa gost illi kellu din l-opportunita'.

7.5 c2 Is-Sinjura Chircop qalet illi l-ġita għal Sqallija kellha titħassar minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti visavi Covid-19 il-għaliex ukoll kellha ħafna minn ibbukja illi qisu kien qed jiġuh id-dubji u hi ħasset illi aħjar titħassar milli jinqala' xi ħaġa u jkollom kumplikazzjonijiet speċjalment waqt li jkunu qiegħedin Sqallija stess.

7.5 c3 Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill illi ser tkun qed torganizza ġurnata bid-dgħajsa għal Kemmuna fil-ġranet li ġejjin.

7.5 c 4 Is-Sinjura Chircop enfasizzat illi hemm bżonn tiltaqa' mas-Sindku biex jitkomplew id-diskussjonijiet rigward l-attivita' li xtaqet tagħmel u li diġa' ġiet ikkonfermata mill-kunsill f'seduti preċedenti biex isiru Wirjiet fil-Lokal minn artisti residenti.

7.5c 5 Is-Sinjura Chircop qalet illi ħafna residenti qegħedin igergru fuq il-fatt illi t-transport pubbliku fil-Kalkara m'huwiex qiegħed jiffunzjona mill-aħjar mod possibli fejn ġieli tal-linja tgħaddi kull siegħa u n-nies qed ikollom jistennew fuq l-istages fis-sħana għal siegħa sħiħa. Tajjeb li wieħed jara jistax jissuġġerixxi mal-awtorita' tat-Transport Pubbliku li ċertu rottot tal-Kalkara jiġu kull nofsiegħa.

7.5d1 Is-Sur Bruno qal illi qiegħed ikun preżenti f'diskussjonijiet mal-awtoritajiet tas-saħħa biex tinġieb il-'walk in vaccine facility' fil-lokal, biex ikun hawn hub il-Kalkara fejn wieħed jista' jinqeda aktar faċilment.

7.5d2 Is-Sur Bruno saqsa l-Kalkara hux lokal meqjus bħala 'turistic zone'. Is-Sindku kkonferma illi fil-preżent il-Kalkara ma taqax taħt din il-klassifikazzjoni. Fuq nota oħra s-Sur Bruno qal illi mhux jara l-ebda żvilupp fil-proġett tax-Xatt u ma jirriflettix tajjeb fuq il-kunsill. Is-Sindku saħaq illi din il-materja diġa' ġiet diskussa u x-xogħol li ma jidirx ma jfissirx li l-proċessi mwaqqfa. Wieħed irid jifhem illi qabel wieħed jara inġenji u tkissir fuq il-post hemm ħafna affarijiet tal-loġistika u preparamenti. Ma jfissirx illi x-xogħol waqaf anzi s-Sindku qal li nfurmat illi t-'tendering procedures' waslu biex jagħlqu biex jinħatar il-kuntrattur li ħa jibda x-xogħolijiet fiż-żona.

**7.6** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**7.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**7.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 7.20

**7.7** **Mozzjonijiet**

7.7.1 Ma kienx hemm

**7.8** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

7.8.1 Is-Seduta ntemmet fil-11:30 am wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-31 ta Awwissu 2021 fid: 9:00am.

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv